Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 11/2015AE

**Sarah Pace [I.D. 459287 M]**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

Il-Gimgha, 5 ta' Frar 2016.

Rat id-decizjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali (appellant), datata 19 ta' Mejju, 2014, fejn iddecieda illi Sarah Pace (l-appellata) ma kinitx qeghda tifforma familja ghal rasha u jew tabita fl-indirizz li kienet tat lid-Dipartiment. Ghalhekk qal li kienet thallset zejjed is-somma ta' €461.38 fl-Allowance tat-Tfal matul il-perjodu 8 ta' Marzu 2014 sal-4 ta' Lulju 2014. Ammont li kellha thallas lura lid-Dipartiment.

L-appellata appellat minn din id-decizjoni quddiem l-Arbitru li b'decizjoni tat-13 ta' Frar 2015 (kaz numru 74/15) iddecieda:

*" ... l-Arbitru qed jilqa' l-appell odjern u jidderiegi lid-Direttur Generali (Sigurta' Socjali) jirtira d-decizjoni tieghu kif komunikata lill-appellanta permezz tal-ittra tad-19 ta' Mejju 2014 u li minnha sar dan l-appell."*

Illi minn din is-sentenza appella d-Direttur tas-Sigurta' Socjali. L-appellant ilment li l-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi prodotti u ghalhekk ma hemm ebda raguni valida sabiex l-Arbitru jissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-Direttur b'dik tieghu. L-appell hu identiku ghall-appell numru 12/2015 deciz illum.

Illi l-appellata hija obbligata li ai termini tal-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta tinforma lid-Dipartiment b'kull tibdil fic-cirkostanzi ta' hajjitha. Id-decizjoni tad-Direttur li jissospendi l-assistenza hi msejsa fuq id-disposizzjoni precettiva tal-Artikolu 97(1)(b) tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali. Dan l-obbligu johrog ukoll mill-applikazzjoni li hija kienet iffirmat sabiex tkun intitolata ghall-beneficcju fejn hija ddikjarat: *"Nobbliga ruhi li ninforma minnufih lid-Direttur Generali (Sigurta' Socjali) b'kull tibdil fic-cirkostanzi li jidhru hawn fuq..."*;

Illi fil-kaz tal-appellata, mill-ispezzjoni li ghamlu l-ispetturi rrizulta li hija kienet qed tghix ma' certu Raymond Cachia mill-ammont ta' hwejjeg li kien hemm fuq il-post u

anki ghall-fatt li fis-7.30 ta' filghodu hija kienet ghand Raymond Cachia bil-pigama u b'tarbija fi hdanha. Sarah Pace kienet sahqet li l-hwejjeg kollha li kienu nstabu fil-post u li kienu hwejjeg femminili, ma kienux taghha izda kienu tal-eks-siehba tal-applikant. Illi r-relazzjoni bejn l-applikant u l-eks-siehba tieghu kienet ilha li spiccat u ghalhekk huwa stramb hafna kif hdejn il-*washing machine* kien ghad hemm zewg pari zraben li Sarah Pace wkoll attribbwiethom ghall-eks-siehba tal-applikant flimkien ghall-ammont sostanzjali ta' hwejjeg xitwin;

Illi d-Direttur ma jistax jippermetti abbuzi meta l-affarijiet jidhru li m'humiex kredibbli u jrid jimxi skont ma tipprovdi l-ligi kif gie anki mghallem minn din l-istess Qorti tal-Appell diversament presjeduta. Dan juri kemm id-Direttur huwa fl-obbligu li jimxu skont il-ligi u mhux skont dak li jhoss, kif *del resto* huwa wkoll marbut l-arbitru;

Illi fil-kaz tal-appellata rrizulta li l-post li kellha ddikjarat mad-Dipartiment kien post li ma kienx abitabbli ghaliex f'dan il-fond kienu qed isiru xogholijiet ta' rinnovament. L-appellata u missierha kienu kkonfermaw li ma kinitx qed toqghod fil-post dikjarat minnha u l-fatt li ma nfurmatx id-Dipartiment bil-bdil fl-indirizz, jikser l-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318. Illi dan ghaliex il-fatt li ma tibqax tghix fl-indirizz iddikarat minnha originarjament, ikun indikattiv li c-cirkostanzi jkunu nbidlu u hija ma tkunx ghadha l-kap tal-familja u ghalhekk ma tkunx intitolata ghall-beneficcju;

Illi l-arbitru wkoll kien qabel li l-appellata kienet naqset li tinforma lid-Dipartiment bil-bdil fl-indirizz, pero' sfortunatament l-arbitru xejn ma qies li dan imur palezement kontra l-ligi u ghalhekk wasal ghad-decizjoni zbaljata tieghu;

Illi fir-rigward ta' l-*allowance* tat-tfal, importanti li jinghad li kull persuna li ghandha t-tfal, ghandha dritt ghal *allowance* tat-tfal; izda din l-*allowance* tinghata skond id-dhul tal-genitur/i. Mit-Taqsima VI tal-Erbatax-il Skeda, johrog bic-car li fejn l-oghla dhul stmat fis-sena jkun aktar minn €24,621, l-*allowance* tat-tfal tkun wahda fissa, jigifieri €8.65 fil-gimgha ghal kull wild. Izda fil-kaz ta' l-appellata, peress li hija kienet tircievi l-ghajnuna socjali, mid-Dipartiment tkun meqjusa bhallikieku m'ghandiex introjtu ghajr dik l-ghajnuna socjali u ghaldaqstant, il-ligi tipprovdi rata oghla ghal dawn il-persuni. Hija din ir-rata oghla li ser titnaqqas ghaliex meta l-appellata ma tinformax lid-Dipartiment bi bdil fic-cirkostanzi ta' hajjitha, id-Dipartiment ma jkunx jaf xi dhul qed tircievi u/jew ma' min qed toqghod, ma jkunx jista' jzomm monitoragg u ghalhekk jimxi bil-kawtela u ma jihux riskji. Kien ghalhekk li ttiehdet id-decizjoni odjerna mid-Direttur appellant;

Illi peress illi rrizulta li l-appellata thallset zejjed, permezz tal-artikolu 102(1)(i) tal-Kap. 318, id-Direttur huwa marbut u obbligat sabiex jigbor lura flus mhux dovuti lill-beneficcjarja. F'termini previdenzjali d-dixxiplina normattiva fl-Artikolu 102 ghandha l-gustifikazzjoni taghha sabiex jigi evitat arrikkiment indebitu ghal min jircievi l-assistenza b'dannu ghall-kollettivita';

Illi l-parti fi htija tista' ssib ruhha f'qaghda fejn id-dritt taghha ma jibqax aktar tutelat u di piu', li, gustament, l-imgieba taghha tigbed fuqha sanzjoni, bhal ma gara fil-kaz odjern u cjoe' li l-*allowance* tat-tfal gie ridott ghall-minimu preskritt fil-ligi u li l-appellata giet imsejha tirrifondi l-ammont zejjed ta' *allowance* tat-tfal li rceviet mid-Dipartiment;

Illi ghalhekk l-appellant jara li hemm lok sabiex id-diskrezzjoni tal-arbitru tigi disturbata b'dan l-istadju ghaliex l-arbitru wasal ghal decizjoni manifestament errata;

Illi l-appellata Pace wiegbet (14 ta' Ottubru, 2015):

Illi l-hwejjeg li kienu nstabu fil-fond numru 5, Sqaq Sant'Antnin, Hamrun, setghu jigu abbinati ma' mara ta' l-eta' u statura ta' Sarah Pace is-siehba ta' Raymond Cachia, ma jfissirx li l-istatura ta' Sarah Pace hija unika f'Malta. Ta' min jirrileva, li hlief ghal ftit hwejjeg go basket, Sarah Pace dejjem innegat li l-hwejjeg l-ohra kienu taghha. Hija kienet baqghet tinsisti li tali hwejjeg kienu tal-*ex* siehba ta' Raymond Cachia. Illi l-Arbitru li sema liz-zewg nahat u evalwa dak kollu li ressqu quddiemu l-partijiet, kien iddecieda li m'huwiex moralment konvint li Sarah Pace u Raymond Cachia kienu jghixu kuljum flimkien bhala familja wahda;

Illi t-telefonata anonima lid-Dipartiment hija purament *hearsay evidence*, jew attentat ta' xi hadd intenzjonat sabiex jaghmel il-hsara ghax ghandu xi *grudge* versu Sarah Pace u/jew is-sieheb taghha. Illi Allahares l-ghejxien tan-nies f'diffikultajiet finanzjarji jkun jiddependi minn rapporti anonimi jew spezzjoni wahda mill-Ispetturi tas-Sigurta' Socjali;

Illi gialadarba giet revokata d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali mill-Arbitru, l-attrici ghadha tikkwalifika u ghandha dritt tippercepixxi l-beneficji socjali kollha li hija ntitolata ghalihom sal-lum;

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

Dan il-kaz hu konness mal-appell deciz illum, numru 11/2015. Dak li nghad f'dik is-sentenza japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz in ezami. Ghalhekk il-qorti ser ticcita l-parti rilevanti ta' dik is-sentenza:-

*"Jirrizulta li l-indirizz li l-appellata ddikjarat mad-Dipartiment kien 203, Triq San Gejtanu, Hamrun. Saret spezzjoni f'dan il-fond u rrizulta li minhabba li kienu qeghdin isiru xogholijiet f'dan il-fond, hadd ma kien qieghed ighix hemm. M'hemmx kontestazzjoni li l-appellata ma kinitx infurmat lid-Dipartiment bit-tibdil ta' din ic-cirkostanza. Hu fatt li:-*

*Min ikun qieghed jircievi beneficcju ghandu d-dmir li jgharraf lid-Dipartiment bit-tibdil ta' cirkostanzi. F'dan il-kaz l-appellata kienet qeghda ssosnti li kienet temporanjament qeghda tghix mal-udituri taghha, filwaqt li l-appellant isostni li kienet qeghda tghix mas-sieheb taghha Raymond Cachia, li minghandu kellha tarbija. L-Arbitru kkonkluda li:*

i. *L-appellata kienet kultant qeghda tghix fir-residenza tas-sieheb taghha. Dan 'il fatt wahdu ma kienx bizzejjed biex jikkonkludi li l-appellata kienet qeghda tifforma familja flimkien ma' Raymond Cachia.*
ii. *Fil-kamra tal-banju ta' Raymond Cachia ma nstabux accessorji intimi li jigu assocjati ma' residenza permanenti ta' mara f'dik id-dar. Fid-dar lanqas ma nstabu hwejjeg tat-tfal.*

iii. *Dawn 'il fatti jnisslu dubju serju ta' kemm l-appellata kienet qeghda tghix ma' Raymond Cachia.*
iv. *L-appellata naqset milli tgharraf lid-Dipartiment li kienet bidlet l-indirizz ta' fejn kienet qeghda tghix.*

*Wara li l-qorti rat l-atti m'hijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li l-appellata kienet effettivament qeghda tghix ma' Raymond Cachia. F'dan ir-rigward tosserva kif l-Arbitru osserva:*

*i. Fil-fond ta' Raymond Cachia, fil-kamra tal-banju ma nstabux accessorji intimi li jistghu jigu assocjati ma' residenza permanenti ta' mara f'dik id-dar. Fuq bazi ta' probabilita' jekk l-appellata kienet qeghda verament tghix ma' Raymond Cachia, fil-kamra tal-banju kienu jinstabu oggetti bhal dawk.*
*ii. Fid-dar lanqas ma nstabu hwejjeg tat-tfal. Jirrizulta li r-rikorrenti kellha tarbija ta' sitt xhur. Fil-fatt meta l-ispettur ghamlu spezzjoni fir-residenza ta' Raymond Cachia, l-appellata kellha tarbija fuqha. Fuq bazi ta' probabilta' tarbija tkun qeghda tghix mal-omm. Pero' fir-rapport tal-ispetturi jinghad li: "… ahna ma osservajniex xi hwejjeg u/jew xi accessorji lilli setghu jindikawlna li ulied il-beneficjarja huma residenti permanenti f'dan l-istess indirizz".*

*Il-qorti temmen li l-konkluzjoni tal-Arbitru li ghandu: "…. Dubju serju kemm verament Sarah Pace kienet tghix kuljum fil-fond ta' Raymond Cachia u kiemm kienet qeghda tifforma familja mieghu", m'hijiex irragonevoli.*

*Il-qorti hi tal-fehma li l-investigazzjoni kellha ssir b'mod iktar komplet, bhal per ezempju:-*

*i. Li ssir spezzjoni fir-residenza tal-genituri tal-appellata, fejn l-appellata allegat li kienet qeghda temporanjament tghix;*
*ii. Li jinghataw id-dettalji ta' Mandy Sapiano sabiex ikellmuha, u li l-appellata qalet li l-hwejjeg li kien hemm fi-dar ta' Cachia kienu jappartjenu lilha.*

*Kien biss l-ghada tal-ispezzjoni li l-appellanti marret tgharraf lid-Dipartiment li kienet qeghda tabita mal-genituri taghha. Ladarba s-sitwazzjoni tal-appellata kienet inbidlet, kellha d-dmir li tgharraf lid-Dipartiment bit-tibdil tac-cirkostanzi sabiex jigi stabbilit jekk fil-fatt kinitx ghadha ntitolata li tircievi l-ghajnuna socjali, u mhux tistenna li ssir spezzjoni. F'dan ir-rigward l-Artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318 jipprovdi:*

*"**Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna ghal xi beneficcju**, pensjoni, **allowance**, ghotja ghal korriment jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li –*

*(b) tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, **informazzjoni** u xiehda ghall-fini li jigi **stabbilit il-jedd taghha ghal dak il-beneficcju**, pensjoni, allowance jew ghajnuna li d-Direttur jista', minn zmien ghal zmien, jehtieg u ghal dak il-ghan tmur f'dak l-ufficcju jew post kif id-Direttur jista' jistabbilixxi".*

*Hu fatt maghruf li fil-formola li l-applikant ghall-ghajnuna socjali jimla, jiffirma dikjarazzjoni li biha jobbliga ruhu li jgharraf lill-appellant b'kull tibdil ta' cirkostanzi li jidhru fl-applikazzjoni.*

*L-ghajnuna li nghatat lill-appellata hi a bazi tat-taghrif li tat fl-applikazzjoni li pprezentat fid-Dipartiment. Ghalhekk fil-fehma tal-qorti d-Dipartiment kien gustifikat li jwaqqaf din l-ghajnuna ladarba rrizulta li l-appellata ma kinitx ghadha tifforma familja ghal rasha u ma kinitx ghadha tabita fl-indirizz moghti minnha, u ma nfurmatx lid-Dipartiment b'dan it-tibdil ta' cirkostanzi sabiex jigi determinat kinitx ghadha ntitolata ghal dik l-ghajnuna. M'huwiex maghruf jekk l-appellata kinitx tkun xorta ntitolata ghall-ghajnuna socjali bil-fatt li qalet li marret tghix mal-genituri taghha".*

**Ghal dawn il-motivi thassar id-decizjoni tal-Arbitru tat-13 ta' Frar 2015 u tikkonferma d-decizjoni tal-appellant tad-19 ta' Mejju 2014. Spejjez a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.